2023/2910

22.12.2023

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2910**

**tad-19 ta’ Diċembru 2023**

**li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta’ Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Taljan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta’ awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fis-6 ta’ Ottubru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/1834 ([2]) li taħtar sitt membri u erba’ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Donato TOMA sar vakanti s-siġġu ta’ membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Francesco ROBERTI, rappreżentant ta’ korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta’ awtorità reġjonali, *Presidente della Regione Molise* (President tar-Reġjun tal-Molise), bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandati attwali, li jintemm fil-25 ta’ Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Francesco ROBERTI, rappreżentant ta’ korp reġjonali li għandu mandat elettorali, *Presidente della Regione Molise* (President tar-Reġjun tal-Molise), huwa b’dan maħtur bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta’ Jannar 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1834 tas-6 ta’ Ottubru 2021 li taħtar sitt membri u erba’ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 372, 20.10.2021, p. 11).

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
T. RIBERA RODRÍGUEZ